MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1337/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**WILLIAM BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom William Bugeja ta' 49 sena, iben Paul u Anna nee' Mintoff, imwieled Qormi nhar it-12-10-1963 u residenti fil-fond St. Mary, Triq Indri Borg, Zebbug (Malta) u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 595863(M)

Gie akkuzat talli:

1. Fl-10 ta' Novembru 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal ma' vettura bil-mutur, sett pjanci tar-registrazzjoni bin-numru JBB-334 li ma kienux inhargu mill-Awtorita u jekk dawk il-pjanci ma kinux jirreferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura, u cioe' wahhal pjanci JBB-334 fuq vettura tal-ghamla Leyland (numru tar-registrazzjoni originali FBC-432);

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi uza licenza mahruga dwar vettura bil-mutur parikolari ghal xi vettura bil-mutur ohra, u cioe wahhal diska tal-licenza JBB-334 fuq vettura tal-ghamla Leyland (numru tar-registrazzjoni originali FBC-432);

3. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, uza vettura bil-mutur fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk giet uzata, minghajr licenza mahruga mill-Awtorita' u mgedda kull sena, u cioe, saq vettura ta' l-ghamla Leyland DAF bin-numru tar-registrazzjoni originali FBC-432 u li l-licenza ta' l-istess vettura kienet skaduta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok DB3 u nnutat li l-imputat William Bugeja m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel (1.) akkuza u t-tieni (2.) akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel (1.) akkuza u t-tieni (2.) akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tielet (3.) akkuza migjuba kontra l-imputat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni (2.) akkuza migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3.) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 188 tal-Kap. 9 u r- Reg. 20 u 32(5) tal-S.L. 368.02.

Issib lill-imputat William Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel (1.) akkuza u tat-tieni (2.) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat William Bugeja taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat William Bugeja ghall-piena ta' hames mitt Ewro (Ewro 500) multa.

Rigward it-tielet (3.) akkuza migjuba kontra l-imputat William Bugeja, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward din it-tielet (3.) akkuza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet (3.) akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat William Bugeja.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat William Bugeja l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------